Ivan Said BA, MA

# Verżjonijiet bil-Malti tal-Akáthistos, l-innu liturġiku tal-Insara tal-Lvant lill-Madonna bl-istess indulġenza tar-Rużarju

L-Akáthistos, l-innu liturġiku li jitkanta mill-Insara Ortodossi u Biżantini Kattoliċi tal-Lvant matul ir-Randan, inqaleb għall-Malti mill-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi (1929-2010) u mill-Professur Mons. Karm Sant (1921-1992). Dan il-kontakion, jiġifieri, forma ta' innu fit-tradizzjoni liturġika Bizantina, speċi ta' omelija ppreżentata bħala poeżija, hu ħafna għal qalb l-Insara tal-Lvant iżda xejn anqas importanti għall-Insara Kattoliċi Rumani: meta jingħad bħala talba, jew aħjar, meta jitkanta, għandu l-istess indulġenzi tar-Rużarju tagħna l-Kattoliċi Rumani – hekk kien amar il-Papa San Ġwann Pawlu II.[1]

L-isem proprja tal-innu ma nafuhx imma hu magħruf bħala Akáthistos li litteralment tfisser "bilwieqfa" għax dan jitkanta jew jingħad bilwieqfa bħal meta aħna l-Kattoliċi Rumani nisimgħu l-Evanġelju waqt il-quddiesa jew inkantaw it-Te Deum. Hu ddedikat lit-Theotokos,[2] jiġifieri lil Omm Alla, għax bħar-Rużarju tagħna l-Kattoliċi Rumani, jiċċelebra l-ħajja ta' Sidtna Ommna l-Verġni Marija fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja. Dan l-Akáthistos lit-*Theotokos* hu l-eqdem u l-aktar importanti u fuqu ssejsu *akathisti* oħrajn bħal dak lil Sidna Ġesù Kristu, jew dak lis-Salib Imqaddes jew lill-qaddisin.[3] Dan l-innu nqaleb f'ħafna lingwi mad-dinja kollha. Kien bis-saħħa tat-traduzzjoni Latina ta' Kristofor, l-Isqof ta' Venezja, li daħal fl-Ewropa tal-Punent għall-ħabta tas-sena 800.[4] Nistgħu ngħidu li l-Akáthistos hu pont lingwistiku u ekumeniku li jgħaqqad flimkien il-knejjes tal-Lvant u tal-Punent. Minkejja li dan l-innu hu parti integrali mil-liturġija tal-Knisja Nisranija tal-Lvant hu nkiteb meta l-Knisja kienet għadha waħda u sħiħa, qabel ma nqasmet fl-1054.

Skont il-Professur Martin Zammit, il-Papàs tal-Knisja Kattolika Griega f'Malta, l-innu Akáthistos jitkanta kull nhar ta' Ġimgħa tar-Randan u jitkanta hekk: l-ewwel Ġimgħa t-taqsimiet 1-6, it-tieni Ġimgħa 7-12, it-tielet Ġimgħa 13-18 u r-raba' Ġimgħa 19-24. Fil-ħames Ġimgħa tar-Randan jitkanta kollu: 1-24.[5] "Kien jitkanta wkoll kull meta l-belt ta' Kostantinopli kienet tkun meħlusa minn xi invażjoni jew assedju tal-għedewwa bl-interċessjoni ta' Marija Verġni, protettriċi tal-belt."[6]

## L-awtur tal-Akáthistos

Ħadd mhu ċert min kiteb dan l-innu u jissemmew ħafna awturi Biżantini imma ħafna studjużi jattribwixxu l-kitba u l-kompożizzjoni ta' dan l-Akáthistos lil San Romanos il-Melodista, awtur u kompożitur ta' xi elf innu jew kontakia ta' stil Biżantin, li għex bejn it-tieni nofs tas-seklu ħamsa u l-ewwel nofs tas-seklu sitta. Hu kien figura ċentrali fl-istorja tal-mużika Biżantina u kien fost l-aqwa kompożituri tal-*kontakion* ta' żmienu.[7] Analiżi tat-test tal-Akáthistos u tal-istil li bih inkiteb turi karatteristiċi tipiċi tal-kitba u l-kompożizzjoni ta' San Romanos. "When comparing the Akathist to the *kontakia* of the various hymnographers, it is most akin to that of Romanos the Melodist. For example, Romanos was interested in Christology, and the defense of the Orthodox view against the Monophysites, Nestorians, Arians, Docetists, Apollinarians and Manichaeans. The Akathist Hymn reflects this."[8] Kitbu min kitbu dan l-innu importanti u sabiħ, nistgħu ngħidu però li ilu jeżisti aktar minn 1500 sena minkejja li ma nafux id-data eżatta meta nkiteb. Aktarx li l-Akáthistos ġie kompost fil-Belt Imperjali ta' Kostantinopli.

## L-istruttura tal-Akáthistos

"L-innu hu magħmul minn 24 strofa skont il-għadd tal-ittri tal-alfabett Grieg," jispjegalna Mons. Sant, "l-ewwel 12 jiffurmaw il-parti storika skont l-Evanġelji tat-tfulija ta' Ġesù u t-tieni 12 jittrattaw id-duttrina teoloġika. Fi kliem ieħor għandna l-istorja li twassal għall-fidi fil-misteru ta' Marija fuq l-isfond tal-misteru ta' Ġesù Kristu stess li tagħhom hi xhud il-Knisja fil-fidi u l-ħajja tagħha."[9]

## Is-suġġett ta' kull strofa*

| Dedika | |
|---|---|
| • It-tħabbira tal-anġlu Gabrijel<br>• Id-djalogu ta' Marija ma' Gabrijel<br>• Il-Verġni Marija tistaqsi biex tifhem il-misteru li hija Verġni<br>• Marija ssir Omm bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu<br>• Iż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta<br>• Il-ħsieb ta' Ġużeppi quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni<br>• Ir-ragħajja jilqgħu l-aħbar tal-anġlu u jaduraw lir-Ragħaj divin<br>• Kewkba twassal lill-Maġi ħdejn it-tarbija Ġesù<br>• Il-Maġi jagħrfu lill-Ħallieq u jfaħħru lil Marija<br>• Il-Maġi kollhom ferħ jerġgħu lejn darhom waqt li Erodi mhux kapaċi jifraħ<br>• Il-ħarba lejn l-Eġittu<br>• Xmun jerfa' fuq dirgħajh lil Sid il-ħolqien | L-Ewwel Taqsima: Parti Narrattiva –<br>Biblika – Liturġika |
| • Il-ħdan verġni ta' Marija li fih jitnissel Kristu<br>• L-Inkarnazzjoni tiftaħ it-triq lill-bniedem lejn is-Sema<br>• Il-Verġni Marija hija l-Omm ta' Alla<br>• L-anġli jistagħġbu quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni<br>• It-twemmin fil-Verġinità ta' Marija<br>• Il-Verb isir bniedem biex jikseb lill-bniedem il-ħelsien<br>• Il-Verġni Immakulata mudell tal-Verġni<br>• Il-bniedem qatt ma jista' jfaħħar biżżejjed lil Alla għad-doni li rċieva<br>• Marija Omm il-Knisja li ddawwal kull bniedem<br>• Alla jsir għall-bniedem il-Feddej, dak li jaħfer id-dnubiet<br>• Il-qawwa tal-Verġni Marija tidher fil-Knisja li twassal ħelsien fir-ruħ<br>• Talba lill-Verġni Marija biex tħarisna minn kull tiġrib | It-Tieni Taqsima: Parti Dommatika –<br>it-twemmin tal-Knisja |

*Meħuda minn *Akáthistos – Innu Liturġiku tal-Knisja tal-Lvant lill Omm Qaddisa ta' Alla*, Ta' Pinu Publications, Malta 2019

## Il-verżjonijiet tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi

Mons. Nikol Ġ. Cauchi, l-Isqof ta' Għawdex bejn l-1972 u l-2005, tana żewġ verżjonijiet bil-Mati tal-Akáthistos. L-ewwel verżjoni hi tal-1981, is-sena meta ġie ċċelebrat fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, Ruma, il-1550 anniversarju tal-Konċilju ta' Efesu li matulu kienet ġiet ipproklamata d-domma tal-Maternità Divina ta' Marija. Għal din iċ-ċelebrazzjoni f'Ruma, li saret fuq ix-xewqa tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, kien hemm ir-rappreżentanti ta' delegazzjonijiet tal-Knejjes Ortodossi u Protestanti. Dakinhar tkanta l-Akáthistos. Kien proprju biex ifakkar din l-okkażjoni li l-Isqof Cauchi qalbu għall-Malti u ppubblikah fi tliet partijiet fuq tliet Sibtijiet fuq il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* bejn l-1 ta' Awwissu u l-Għid tal-Assunta tal-15 ta' Awwissu 1981.[10]

Mons. Cauchi, bħal ħafna tradutturi Maltin, ma jgħidx mil-liema lingwa qaleb dan l-innu imma skont Dun Gerard Buhagiar, ir-rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, u li kien ukoll il-qassis li għenu jirrevedi il-verżjoni tal-1981, it-traduzzjoni saret minn dik Taljana ta' Patri Ermanno M. Toniolo.[11] L-aqwa indikazzjoni li l-lingwa sors kienet it-Taljan u mhux l-oriġinal Grieg narawha fl-użu ta' *Ave* u *Alleluja* (flok *Hallelujah*) fl-akklamazzjonijiet. Peress li l-innu ma nqalibx mill-oriġinal, il-kwalità tat-

traduzzjoni tonqos ħafna minħabba li hija traduzzjoni ta' traduzzjoni – hekk jgħallimna t-traduttur Bibliku *par excellence* Mons. Professur Pietru Pawl Saydon.[12] L-Isqof Għawdxi, li tul ħajtu wera l-imħabba profonda tiegħu għall-Madonna b'ħafna kitbiet dwarha, studja fl-Università Gregorjana ta' Ruma minn fejn kiseb dottorat, kien soċjologu u kien jgħallem is-soċjoloġija, il-filosofija u t-Taljan fis-Seminarju ta' Għawdex.[13]

Qabel ma miet fl-2010, Mons Cauchi, bl-għajnuna ta' Dun Gerard Buhagiar, irreveda t-traduzzjoni tal-1981.[14] Din il-verżjoni riveduta ġiet ippubblikata fl-2019,[15] f'għeluq is-Sena Djoċesana Marjana 2018-2019, u kantata wkoll għall-mużika oriġinali ta' Mro Dr John Galea. Din il-pubblikazzjoni, barra li fiha l-verżjoni riveduta (pp. 4-13), għandha wkoll daħla (p.3) li Dun Gerard Buhagiar kiteb fuq talba tal-istess Mons. Cauchi.[16] Hu kiteb ukoll in-noti dwar l-Akáthistos (pp. 14-16). F'din il-verżjoni l-ġdida naraw bidliet drastiċi fit-traduzzjoni, fosthom – għalija l-akbar – dik li kull *Ave* nbidlet għal *Ifraħ*; *Ave*, *Xebba* u *Għarusa* saret *Ifraħ*, *Verġni* u *Għarusa* u *Alleluja* saret *Hallelujah*. Dawn huma bidliet verament importanti għax jindikaw li t-traduttur – jew ir-reviżur – qarreb it-test lejn il-verżjoni Griega u tbiegħed mill-verżjoni Taljana.

Inċidentalment, Mons. Karm Sant, fl-introduzzjoni li kiteb hu stess għat-traduzzjoni tiegħu tal-Akáthistos tal-1990, ikkummenta - mingħajr ma rrefera għall-verżjoni ta' Mons. Cauchi tal-1981 - dwar l-użu ta' *Ifraħ* minflok *Ave*, u qal: "'Ifraħ'. Din l-istedina mhix għajr l-istedina ta' Gabrijel lil Marija meta wasslilha l-istedina tal-Mulej biex tkun Omm il-Feddej, bil-Grieg *Khaire*, li s-soltu nittraduċuha: *Ave* jew *Sliem*. Din it-traduzzjoni mhix eżatta. Marija u aħna magħha mistiedna biex nifirħu għax Alla ġie jgħammar fostna".[17]

Barra t-tibdil li jaffettwa l-akklamazzjonijiet, hemm tibdil ieħor fit-test u hawn se nagħti biss wieħed mill-ewwel strofa:

| Il-verżjoni ta' Mons. Cauchi tal-1981 | Il-verżjoni ta' Mons. Cauchi tal-2019 |
|---|---|
| Kif tal-anġlu dewa l-kliem<br>Ħasset l'int fiha sirt bniedem Mulejja,<br>Ġarrbet estasi ta' sliem.<br>Aħna wkoll 'l Omm Alla nsellmu: | L-anġlu rak fi ħdan Marija<br>tibda l-ħajja tal-bnedmin, Mulejja,<br>kollu mfawwar bit-thennija,<br>weġġaħ 'l Ommok b'dat-tifħir: |








L-ewwel verżjoni bil-Malti tal-Akáthistos ta' Mons. Nikol Cauchi li dehret fi tliet partijiet f'*Leħen is-Sewwa* bejn l-1 ta' Awwissu u l-Għid tal-Assunta tal-15 ta' Awwissu 1981.









Fuq xellug: Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Fin-nofs: Il-qoxra tal-ktejjeb bit-traduzzjoni ta' Mons. Cauchi tal-2019 li turi dettall tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu, xogħol Amadeo Perugino tal-1619. Lemin: Il-qoxra tal-ktejjeb bit-traduzzjoni ta' Mons Sant tal-1990 li turi l-ikona tal-Omm Alla ta' Damasku, magħrufa b'mod popolari bħala d-Damaxxena, meqjuma fil-knisja tal-Kattoliċi Griegi, il-Belt, iddedikata lilha.

Jien jidhirli li l-verżjoni tal-2019 turi titjib sostanzjali fil-verżjoni tal-1981. Jista' jkun ukoll li xi tibdil li sar fil-verżjoni tal-2019 ta' Mons. Cauchi hu frott l-addattament għall-kompożizzjoni mużikali li żżanżnet fl-2019. Fit-tabella l-kbira qed inqabbel l-ewwel, it-tieni u l-aħħar strofa tal-Akáthistos fil-verżjonijiet ta' Mons. Sant tal-1990 u fiż-żewġ verżjonijiet ta' Mons. Cauchi tal-1981 u tal-2019. Meta wieħed jaqra b'mod attent iż-żewġ traduzzjonijiet tal-1990 u tal-2019, u jħalli barra dik tal-1981, josserva differenzi kbar f'dawk li huma sintassi u lessiku, daqslikieku ġejjin minn testi-sorsi differenti.

Jekk trid taqra  l-verżjoni kollha tal-Akáthistos ta' Mons. Nikol Cauchi tal-2019 skennja dan il-QR Code bil-mobile tiegħek:

## Il-verżjoni ta' Mons. Prof. Karm Sant

Fl-1990, fl-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu[18] Mons. Professur Karm Sant tana t-traduzzjoni tiegħu tal-Akáthistos, ippubblikata f'Ruma bl-għajnuna ta' Mons. Giorgio Mifsud Montanaro, l-eks Papàs tal-Knisja Kattolika Griega f'Malta, u bil-finanzjament ta' Patri Ermanno M. Toniolo li, barra li ħallaslu l-istampa, ipprovdielu l-kotba meħtieġa.[19]

Ġaladarba nafu li Mons. Sant, l-eks Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta, qaleb mill-Grieg il-Kotba tat-Testment il-Ġdid u saħansitra kien eżaminatur tal-Iskrittura Mqaddsa, tal-Ebrajk, tal-Grieg Klassiku u Bibliku u tal-Għarbi u tal-Malti bejn 1952 u l-1980 fl-istess Università,[20] allura nistgħu nassumu faċilment li l-Professur Sant qaleb dan l-innu mill-oriġinal Grieg.[21] Barra l-Kotba Mqaddsa, fl-1940 hu qaleb għall-Malti artiklu akkademiku ta' C. L. Dessoulavy, *It-twavel proto-Fenici ta' Ras Xamra* kif ukoll, fl-1941, żewġ enċikliċi, *Rerum Novarum* u *Quadrogesimo Anno*.[22]

Iżda, minkejja l-għarfien tiegħu tal-Grieg, il-Biblista modern, l-iben akkademiku dehni ta' Mons. Professur Pietru Pawl Saydon f'dawk li huma studji u qlib tal-Kotba Mqaddsa u l-karriera akkademika, talab lil Mons. Papàs Mifsud Montanaro jaqralu t-traduzzjoni u jagħtih suġġerimenti biex itejjibha.[23]

Din turi l-umiltà intellettwali ta' Mons. Sant li minkejja kien jaf sew il-Grieg Bibliku u Klassiku, xorta talab l-għajnuna ta' Mons. Mifsud Montanaro li, jista' jkun, kien jaf aħjar minnu l-Grieg tal-Akáthistos li għandu influwenzi tal-lingwi Semitiċi.

It-traduzzjoni tal-Akáthistos ta' Mons. Sant (pp 18-42) hija konċiża, letterarja, faċli biex tinqara, b'Malti modern imħallat, aktar Semitiku milli Rumanz, tipiku tal-lessiku li uża hu stess fil-qlib tiegħu tal-Bibbja, imma mhux b'safiżmu żejjed bħat-traduzzjoni Biblika ta' Mons. Saydon. Dan kollu juri l-qrubija tat-traduttur mat-test-sors – kien jafu sew, fehmu tajjeb u allura rrendieh tajjeb. Iżda aħna ma nistgħux nistennew anqas minn hekk minn dan it-traduttur imħarreġ tajjeb fl-Istitut Bibliku Pontifiċju ta' Ruma fejn studja l-Kotba Mqaddsa u saħansitra ġab dottorat fl-istudji Bibliċi u kien student tal-aqwa traduttur tal-Bibbja bil-Malti, Mons. Saydon u suċċessur dirett tiegħu tal-katedra tiegħu fl-Università ta' Malta.

Il-qassis Tarxiniż jipprovdi nota ta' tagħrif Bibliku u ta' interpretazzjoni divina għal kull strofa ta' dan l-innu teoloġikament tant profond dwar il-Madonna u ta' qima kbira lilha (pp. 43-60).

Jekk trid taqra l-verżjoni kollha tal-Akáthistos ta' Mons. Karm Sant tal-1990 skennja dan il-QR Code bil-mobile tiegħek:



Mons. Professur
Karm Sant



25 ta' Ottubru 1931: Il-Prim Imħallef Arturo Mercieca jġorr il-kuruna tad-deheb f'korteo bl-ikona tad-Damaxxena meta mill-Belt twasslet fuq il-Fosos tal-Furjana fejn l-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB, inkurunaha fl-okkażjoni tal-15-il ċentinarju mill-Konċilju ta' Efesu. F'dan ir-ritratt qed naraw il-kleru Kattoliku Grieg iġorr l-ikona akkumpanjat mill-kleru Kattoliku Ruman.

## Tqabbil tal-ewwel, it-tieni u l-aħħar strofa tat-tliet verżjonijiet

| Strofa | Karm Sant (1990) | Nikol cauchi (1981) | Nikol Cauchi (2019) |
|---|---|---|---|
| 1 | Anġlu, l-aqwa fosthom ilkoll,<br>intbagħat mis-Sema u sellem<br>lil Omm Alla: 'Ifraħ'.<br>U meta rak, Mulej, titlaħħam<br>baqa' mistagħġeb,<br>u b'leħen ir-ruħ,<br>infexx f'għajta u qalilha:<br><br>Ifraħ, int minnek ileħħ il-ferħ;<br>Ifraħ, int bik tintemm is-saħta.<br><br>Ifraħ, int lil Adam erġajt sejjaħt<br>mill-waqgħa tiegħu;<br>Ifraħ, int id-dmugħ ta' Eva fdejt.<br><br>Ifraħ, int il-Quċċata<br>'l fuq minn moħħ il-bniedem;<br>Ifraħ, int irdum<br>għajnejn qatt ma jinfduh.<br>Ifraħ, int sirt<br>it-tron tas-Sultan;<br>Ifraħ, int żammejt fik<br>lil min kollox iżomm sħiħ fih.<br><br>Ifraħ, int il-Kewkba<br>li tħabbar sebħ ix-xemx;<br>Ifraħ, int il-ġuf<br>li fih tlaħħam Alla nnifsu.<br>Ifraħ, int bik jiġġedded il-ħolqien;<br>Ifraħ, int minnek il-Ħallieq<br>twieled tarbija.<br><br>Ifraħ, Għarusa u Verġni. | Tas-sbieħ anġli mill-qtajjiet<br>Sabiex 'Ave' jgħid 'l Omm Alla,<br>Intbagħat l-aqwa mis-smewwiet.<br>Kif tal-anġlu dewa l-kliem<br>Ħasset l'int fiha sirt bniedem Mulejja,<br>Ġarrbet estasi ta' sliem.<br>Aħna wkoll 'l Omm Alla nsellmu:<br><br>Ave, Bik jerġa' jfeġġ il-ferħ;<br>Ave, Bik tispiċċa t-tbatija.<br><br>Ave, Int salvajt 'l Adam li ġġarraf;<br>Ave, Int fdejt il-biki t'Eva.<br><br>Ave, Int quċċata għolja għal moħħ il-bniedem;<br>Ave, Int għammieq għall-għajnejn tal-anġli.<br>Ave, Fik ġie mwaqqaf tron is-Sultan;<br>Ave, Int iġġorr lil Dak li kollox jerfa'.<br><br>Ave, kewkba li tilma qabel ix-xemx;<br>Ave, ħdan li fih Alla ħa l-gisem.<br>Ave, Bik jiġġedded il-ħolqien;<br>Ave, Fik il-Ħallieq sar tarbija.<br><br>Ave, Xebba u għarusa! | Tas-sbieħ anġli mill-qtajjiet<br>sabiex "Ifraħ" jgħid 'l Omm Alla,<br>intbagħat l-aqwa mis-Smewwiet.<br>L-anġlu rak fi ħdan Marija<br>tibda l-ħajja tal-bnedmin, Mulejja,<br>kollu mfawwar bit-thennija,<br>weġġaħ 'l Ommok b'dat-tifħir:<br><br>Ifraħ, għax bik jerġa' jfeġġ il-ferħ.<br>Ifraħ, għax bik tispiċċa t-tbatija.<br><br>Ifraħ, int salvajt 'l Adam li ġġarraf.<br>Ifraħ, int il-biki t'Eva fdejt.<br><br>Ifraħ, int quċċata għolja<br>għal moħħ il-bniedem.<br>Ifraħ, int irdum<br>għal għajnejn l-anġli.<br><br>Ifraħ, fik ġie mwaqqaf<br>tron is-Sultan.<br>Ifraħ, int iġġorr fik<br>lil Dak li kollox jerfa'.<br><br>Ifraħ, int Kewkba<br>li tilma qabel ix-xemx.<br>Ifraħ, int il-Ħdan<br>li fih Alla ħa l-ġisem.<br><br>Ifraħ, int bik jiġġedded il-ħolqien.<br>Ifraħ, int fik il-Ħallieq sar tarbija.<br><br>Ifraħ, Verġni u Għarusa! |
| 2 | Billi Marija kienet taf<br>bis-safa tagħha,<br>Qalbiena staqsiet lil Gabrijel:<br>"Ir-ruħ tiegħi taraha bi tqila<br>temmen il-bxara<br>mhix tas-soltu tiegħek.<br>Kif tħabbar int<br>tnissil u ħlas min Verġni?"<br>u tgħajjat: Hallelujah! | Biex Marija tgħix għalih,<br>'L Alla kienet tat xbubitha,<br>Qalet 'l-Anġlu minnufih:<br>Nifhem sewwa ma nistax<br>ll-messaġġ li ġibt, għalija misteru;<br>Ħlief ċpar moħħi ma jarax:<br>Ħajja tinbet fi ħdan verġni?<br><br>Alleluja | Biex Marija tgħix għalih,<br>'l Alla kienet tat xbubitha;<br>qalet 'l-anġlu minnufih:<br>"Sabiex nifhmu nħossu tqil<br>il-messaġġ li ġibt, għalija misteru;<br>fil-ġuf verġni jsir tnissil,<br>dan ħabbartli"; u tlissen:<br><br>Hallelujah! |
| 24 | Infaħħruk minn qalbna, O Omm,<br>int tixraqlek kull foħrija,<br>int ulidt il-Verb,<br>il-Kelma ta' Alla,<br>il-Qaddis fuq kemm huma<br>l-qaddisin.<br>Ilqa' din l-offerta, din għanjietna.<br>Eħlisna minn kull deni, u ifdina<br>minn kull ħsara għal li ġej,<br>lilna li nsejħulek u ngħidulek:<br><br>Hallelujah! | Int jistħoqqlok kull tifħir.<br>Fik kull għaxqa u kull grazzja;<br>Li nqimuk hu tagħna d-dmir.<br>'ll bogħod minna żomm kull hemm,<br>Mill-kastigi wkoll eħlisna,<br>Ja Ħanina!<br>Titlaqniex, sakemm tintemm<br>Fuq din l-art il-ħajja tagħna.<br><br>Alleluja! | Int jistħoqqlok kull tifħir,<br>Omm il-Verb, għajn il-qdusija,<br>li nqimuk hu tagħna d-dmir.<br>'Il bogħod minna żomm kull hemm,<br>mill-kastigi wkoll eħlisna,<br>ja Ħanina!<br>Tul ħajjitna inti eħlisna,<br>ħenn għalina waqt li nsejħulek:<br><br>Hallelujah! |

## Għeluq

Għandna xorti kbira aħna l-Insara Maltin li f'idejna għandna bil-Malti l-Akáthistos għax dan l-innu antik hu mezz tajjeb ta' talb u tagħlim teoloġiku profond dwar Sidtna Ommna Marija. Għaldaqstant għandna nkunu grati kemm għal Mons. Cauchi kif ukoll għal Mons. Sant li tawna dan l-innu bil-Malti. Iżda aħna l-Maltin ixxurtjati wkoll li għandna l-Kattoliċi Griegi fostna, attivi ħafna fil-knejjes tagħhom il-Belt Valletta u l-Birgu, taħt it-tmexxija tal-Papàs ħabrieki ħafna tagħhom, il-Professur Martin Zammit, li jipprattikaw tradizzjonijiet liturġiċi Biżantini b'għeruq fondi marbutin mal-bidu tal-Knisja Nisranija u mogħnija b'devozzjoni twila.

Ixxurtjati tassew li fostna għandna l-ikona ta' Omm Alla ta' Damasku, magħrufa aħjar bħala d-Damaxxena, meqjuma fil-Knisja tal-Kattoliċi Griegi, fi Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, l-aktar simbolu liturġiku magħruf tar-rit Kattoliku Grieg f'Malta. Din ix-xbieha tant għażiża u devota għalina l-Maltin għandha ġrajja twila marbuta mal-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann li saħansitra tmur lura sa qabel waslu f'Malta minn Rodi fl-1530 u ġabuha magħhom. Minn dak iż-żmien 'l hawn, id-devozzjoni lejha ntisġet mal-istorja ta' pajjiżna, u l-poplu Malti u l-mexxejja tiegħu – dawk li fiż-żmien kienu Insara denji – daru lejha biex jitolbuha u jirringrazzjawha kull darba li kienu f'xi inkwiet u nħelsu minnu, ibda mill-Assedju l-Kbir tal-1565 u ibqa' sejjer sal-epidemiji qerrieda u l-gwerer moderni. L-istorja mwaħħda mal-leġġenda tgħid li din aktarx kienet meqjuma f'Damasku, is-Sirja - għalhekk magħrufa bħala d-Damexxena - u aktarx kienet waħda mill-ħafna ikoni jew xbihat veri li pinġa San Luqa u wara li ntilfet minħabba li l-pajjiż inħakem mis-Saraċeni Musulmani, b'xi mod, il-Kavallieri rkuprawha wara li ntlemħet tgħum f'wiċċ il-baħar qrib Rodi u ġarrewha magħhom kull fejn marru u b'hekk ġabuha magħhom Malta fejn ħallewha meta telqu fl-1798.[24]

*Kelma ta' ħajr lir-Rev. Dr Jonathan Farrugia, lir-Rev. Professur Paul Sciberras, lill-Papàs il-Professur Martin Zammit u lil Dun Gerard Buhagiar tal-pariri li tawni fil-kitba ta' dan l-artiklu.*

## Referenzi


1 Buhagiar, Dun Gerard, *Akathistos – Innu Liturġiku tal-Knisja tal-Lvant lill-Omm Qaddisa ta' Alla*, Ta' Pinu Publications, Malta 2019, p. 3.
2 Buhagiar, Dun Gerard, *ibid.* p. 3.
3 The Akathist Hymn - Greek Orthodox Archdiocese of America - Greek Orthodox Archdiocese of America (goarch.org)
4 Sant, Dun Karm, *Akáthistos – Innu Liturġiku Biżantin f'Ġieħ il-Verġni Marija, Omm Alla*, Centro di Cultura Mariana "Madre della Chiesa", Via del Corso, 306, Roma, 1990, p. 9.
5 Komunikazzjoni privata bil-miktub bejn Zammit u l-awtur.
6 Sant, Dun Karm, *op. cit.* p. 9. Fuq din Buhagiar jaqbel ma' Sant, p. 3.
7 Romanos the Melodist - Wikipedia Aktarx li miet fis-sena 556.
8 ORTHODOX CHRISTIANITY THEN AND NOW: Who is the Author of the Akathist Hymn? (johnsanidopoulos.com)
9 Sant, Dun Karm, *op. cit.* p. 10.
10 Ara l-introduzzjoni li Mons. Cauchi kiteb qabel l-ewwel parti li dehret fl-1 ta' Awissu 1981 p. 8.
11 Komunikazzjoni privata bil-miktub bejn Buhagiar u l-awtur. Dan it-traduttur Taljan hu awtorità fuq is-suġġett u hu awtur ta' *Akáthistos, inno alla madre di Dio: edizione metrica, mistagogia, commento al testo* u *Akáthistos – Saggi di critica e di teologia*, fost pubblikazzonijiet oħrajn.
12 *Qlib il-Kotba Mqaddsa bil-Malti, Leħen il-Malti,* L-Għaqda tal-Malti – Università, 15, nru. 170-172, 1945 p. 37.
13 Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies*. Vol. 1. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009, p. 559.
14 Komunikazzjoni privata bil-miktub bejn Buhagiar u l-awtur.
15 Buhagiar, Dun Gerard, *op. cit.* pp. 4-13.
16 Buhagiar, Dun Gerard, *op. cit.* p. 3.
17 Sant, Dun Karm, *op. cit.* p. 11. Ma naħsibx li meta Mons. Sant kiteb dan il-kumment kellu f'moħħu l-verżjoni ta' Mons. Cauchi tal-1981. Bħal Mons. Sant, Dun Buhagiar josserva li "f'dan l-innu n-Nisrani li jfaħħar lil Marija bl-istess kliem tal-Anġlu Gabrijel: *Ifraħ*, bil-Grieg *Khaire*" (2019, p. 15) imma ma jgħid xejn dwar l-użu tal-kelma *Ave*.
18 Aloisio, Robert, *Il-Professur Karm Sant, 100 sena minn twelidu*, *It-Torċa,* 21 ta' Frar 2021, pp. 16-17.
19 Sant, Dun Karm, *op. cit.* p. 6. Fil-ktejjeb tal-Akáthistos tal-1990 Mons. Sant jirreferi għall-Papàs li għenu bħala Rev. Mons. Papàs Giorgio Mifsud imma hija ovvja li qed jirreferi għal Mons. Papàs George Mifsud Montanaro, l-eks kappillan tal-Kattoliċi Griegi f'Malta.
20 Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies*. Vol. 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009, p. 1405.
21 Li ma nkunux nafu minn liema lingwa sors jinqaleb ix-xogħol u liema edizzjoni tkun intużat hu nuqqas li niltaqgħu miegħu ta' spiss fost it-tradutturi Maltin. Ftit huma t-tradutturi Maltin li jgħidu minn liema lingwa ssir t-traduzzjoni u ferm anqas tradutturi jgħidu mil-liema edizzjoni tat-test oriġinali tkun saret it-traduzzjoni.
22 Schiavone, Michael J, *op. cit* p. 1405.
23 Sant, Dun Karm, *op. cit.* p. 6.
24 Fuq id-devozzjoni u l-importanza storika u artistika tad-Damaxxena nkiteb ħafna imma nissuġġerixxi: *L-Ikona ta' Omm Alla ta' Damasku* ta' Charlò Camilleri u Walter Lobina (Reliġjon u Ħajja, ĊAK, 2011); *The Virgin of Damascus in the Greek Catholic Church, Valletta, Malta – The Shared Veneration of a Miracle-Working Icon* tal-Professur Mario Buhagiar (Id-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti, l-Università ta' Malta) u artiklu ħafif u fil-qosor, *Waħda mill-Eqdem Ikoni fil-Gżejjer Maltin* ta' Patri Hermann Duncan O. Carm (*l-orrizont,* l-1 ta' Settembru, 2018, p. 16).